MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1006/2004

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri JAT1245, KLN0510, SDM0807, ATR0570 u SIM0994 u Rausi Insurance Agency Limited**

**vs**

**Christopher Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm780.10) ammont dovut mill-konvenut bhala hlas ta' danni minnu kawzati fuq il-karozza CBI303 propjeta` ta' Michael Grech assikurat mill-atturi taht polza comprehensive, li ghalhekk huma sorrogati fid-drittijiet tieghu,**

**minhabba li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat gol-karrozza msemmija fis-Swieqi nhar is-16 ta' Mejju, 2003, waqt li hu kien qed isuq il-karozza LCG-828.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta' Novembru, 2004, fejn gie eccepit:**
**i. Illi huwa ma jahtix ghall-incident "de quo";**
**ii. Id-danni huma wkoll kontestati in kwantu, minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont indikat bhala dovut huwa esagerat.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' John Tabone, Mario Cumbo, PS226 Paul Bonanno, Michael Grech, u Christopher Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fi Triq il-Madliena, Swieqi, fis-16 ta Mejju 2003, bejn il-vettura CBI-303 misjuqa minn Michael Grech u l-vettura LCG828 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-incident sehh f'dik il-parti ta' Triq il-Madliena fejn hemm Triq Wied id-Dis tferra fiha. Gie rilevat li fi Triq il-Madliena hemm mera biex tindika il-vetturi li gejjin minn Triq il-Madliena. Is-Surgent PS226 Paul Bonanno qal li dik il-parti hija T-junction, pero` t-Tribunal jinnota li mhix daqshekk cara l-konfigurazzjoni tat-triq bhala T-junction, pero` ma hemmx dubbju li Madliena Road hija t-triq principali. Tant li kif gie rilevat stop sign ghal min ikun hiereg min Triq Wied id-Dis. Ghalkemm min gej minn Triq il-Madliena ghandu "slow" sign mal-art, ritratt Dok.CC1.**
**3. Gie konstatat wkoll li l-attur halla brake marks twal 9.3 metri. Pero` ma hemmx dubju li, bil-mera li hemm, min ikun hiereg minn Triq Wied id-Dis ghandu certa vizwali fil-mera ta' Triq il-Madliena.**
**4. L-attur Michael Grech jghid li ra l-ewwel parti tal-vettura tal-konvenut u testwalment jghid: "……u rajtha baqghet hierga u ghalhekk jiena applikajt il-**

**brake." Grech xehed li hu kien ghaddej b'xi 45kfs. Ma hemmx dubbju li l-velocita` ta' Grech f'dawk l-inhawi ma kienetx wahda mill-aktar desiderabbli, specjalment meta ghandek sinjal li jindikalek biex tnaqqas il-velocita`.**

**5. Il-konvenut jghid li hares fil-mera li hemm fi Triq il-Madliena, hareg u sema brake. Il-konvenut jghid li kien waqaf fuq l-istop sign, u li Grech kien gej b'velocita' qawwija.**

**6. It-Tribunal jinnota li t-triq li kien hiereg minnha l-konvenut, f'dik il-parti ghandha konfigurazzjoni partikolari u qabel ma jisporgi ghal got-triq principali irid jassikura ruhu li jista' jaghmel din il-manuvra minghajr xkiel ghat-traffiku li ghaddej, dana tenut kont tal-fatt li hemm stop sign minn fejn kien hiereg il-konvenut.**

**7. It-Tribunal hu tal-fehma li l-kwistjoni tirrisolvi ruhha fuq il-punt jekk il-konvenut uzax id-debita diligenza waqt li hiereg minn fuq stop sign, kif ukoll fuq il-punt jekk Grech kienx ghaddej b'velocita` zejda ghal dawk l-inhawi.**

**8. Min hiereg minn fuq stop sign ghandu obbligu li jaccerta ruhu li jista' johrog minghajr ma jkun ta' ostakolu ghat-traffiku li ghaddej. Biex jaghmel dan, wiehed ghandu jieqaf u f'dan il-kaz ihares fil-mera tat-triq biex jaccerta ruhu li ma hemmx traffiku gej.**

**9. Il-fatti jindikaw li l-konvenut anke jekk waqaf, wara baqa' hiereg u ma kienx attent bizzejjed ghat-traffiku li kien gej. Ma hemmx dubbju li l-fatt li l-konvenut sporga kif ghamel, holoq ostakolu ghall-Grech, li ma kellu ebda alternattiva hlief li jaghfas il-brake meta il-konvenut baqa' hiereg. Mil-lat l-iehor Grech ma setghax jieqaf fil-hin, peress li kien ghaddej tassew b'certa velocita` li ma hijiex indikata ghal lokal fejn kien ghaddej, u f'dan is-sens ikkontribwixxa ghall-eventwali kollizzjoni. Pero` l-konvenut kellu jezercita aktar diligenza mill-attur fil-manuvra li kien qed jaghmel, u ghalhekk hemm lok li t-tort jinqasam bejn il-partijiet ghalkemm il-konvenut ghandu l-parti sostanzjali tal-htija. F'dan il-kuntest it-Tribunal qed jattribwixxi zewg terzi mill-htija fuq il-konvenut u terz fuq l-attur.**

**10. Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati mid-Dok.MC1. In kwantu l-konvenut kien jahti biss fi grad ta’ zewg terzi, jigi li dan ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u ghoxrin lira Maltin u sitt centezmi (Lm520.06).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ta’ zewg terzi, jikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u ghoxrin lira Maltin u sitt centezmi (Lm520.06).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------